# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 6373/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Peter Xuereb**

Illum is-sitta (6) ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Peter Xuereb**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 495765(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Mejju 2022 għal ħabta ta' 16:50hrs kif ukoll fil-jiem ta' wara ġewwa 25, 'Arjuża', Triq il-Ġiżwiti, Naxxar:

1. mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretenda li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Ingrid

Xuereb fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi, jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' mitejn u ħamsin Euro (€250). Il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant bħala mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-11 ta' Diċembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-22 ta' Ottubru 2024.

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardaw l-allegata azzjoni unilaterali meħuda mill-appellant fejn jingħad li huwa biddel iċ-ċavetta tal-bieb tad-dar matrimonjali.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fiż-żmien tal-akkadut l-appellant u martu l-*parte civile* Ingrid Xuereb kienu jinsabu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni personali fejn filwaqt li l-appellant jgħix fid-dar matrimonjali ossia l-fond bin-numru 25, 'Arjuża', Triq il-Ġiżwiti, Naxxar, il-*parte civile* kienet qed tgħix mal-ġenituri tagħha. Waqt dan il-proċess, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat li l-*parte civile* kellu jkollha aċċess għad-dar matrimonjali tlitt ijiem fil-ġimgħa u dana sabiex hija tkun tista' tara t-tfal. Il-*parte civile* xehdet li meta dakinhar tat-2 ta' Mejju 2022 hija marret biex taċċedi għad-dar matrimonjali hija sabet li ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra kienet ġiet mibdula u għalhekk ma setgħetx taċċedi. Jidher li wliedha fetħulha l-bieb ta' barra.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-imputazzjoni addebitata lilu ma tirriflettix ir-reat allegatament imwettaq minnu. Jispjega li l-Prosekuzzjoni addebitatu b'reat *ai termini* ta' Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jkompli jispjega li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet ordnat li l-*parte civile* kellu jkollha aċċess bla xkiel għad-dar matrimonjali kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa bejn it-3.00pm u s-6.00pm bl-uniku skop li jkollha aċċess għat-tfal. L-appellant jargumenta li l-Prosekuzzjoni kellha takkużah *ai termini* ta' Artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li mill-provi mressqa jirriżulta li l-kawża kontra tiegħu tikkonċerna nuqqas ta' aċċess tal-*parte civile* għat-tfal u mhux għal reat *ai termini* ta' Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tibda mal-ewwel billi tgħid li ma taqbilx mal-argument imressaq mill-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu u dana peress li l-każ in kwistjoni fih żewġ kwistjonijiet: l-ewwel kwistjoni tirrigwarda l-aċċess għad-dar matrimonjali u t-tieni kwistjoni tirrigwarda l-aċċess għat-tfal.

Illi kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, id-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huwa ċar fl-intenzjoni tiegħu u ċioè qiegħed jalloka l-aċċess fid-dar matrimonjali lill-*parte civile* mingħajr xkiel. Minkejja li d-digriet in kwistjoni ngħata f'kuntest ta' proċeduri ta' separazzjoni personali, fih ma jissemmewx il-kwistjonijiet ta' aċċess għal ulied il-*parte civile*. Għal kull buon fini jingħad ukoll li d-digriet in kwistjoni anqas ġie revokat meta l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) akkordat lill-*parte civile* d-dritt li tgħix fil-flat tal-villeġġjatura (*a fol.* 43 *et seq.*).

Illi f'każ li huwa minnu li l-appellant allura imputat ħa l-liġi b'idejh biex jimpedixxi lill-martu l-*parte civile* milli tidħol fil-fond imsemmi fl-imputazzjoni, dan il-fatt *per se* jaffettwa kemm l-aċċess għad-dar matrimonjali kif ukoll l-aċċess għall-ulied il-koppja. Dawn l-elementi huma distinti minn xulxin għalkemm huma marbuta. Dak li qed jiġi kkontestat f'din il-kawża huwa l-aċċess għad-dar matrimonjali bil-konsegwenza li ma għandux raġun l-appellant meta jargumenta li l-azzjoni odjerna suppost ġiet ibbażata fuq Artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Tenut kont ta' dan kollu, l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi meta sabitu ħati. Jgħid li ma hemmx prova li kien hu li bl-azzjoni tiegħu b'xi mod ċaħħad lill-*parte civile* milli taċċedi r-residenza in kwistjoni. Ikompli billi jirreferi għax-xiehda tal-*parte civile* li tgħid li waqt l-akkadut fir-residenza kien hemm it-tfal li fil-fatt fetħuha l-bieb. Jispjega li huwa ma kienx id-dar fid-data u l-ħin indikat fl-imputazzjoni. Jisħaq li ma tressqux provi sal-grad rikjest fil-liġi sabiex jinstab ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant allura imputat ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti. Fir-rigward tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, mill-atti proċesswali jirriżulta li xehdet il-*parte civile* Ingrid Xuereb inkluż li ġew eżebiti affidavits. Għal kull buon fini jingħad ukoll li quddiem l-Ewwel Qorti d-difiża eżebiet numru ta' dokumenti.

Illi jkun opportun li jiġi nnutat li tabilħaqq xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed sabiex tinstab ħtija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

"11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[2] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

[…]

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom – kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta – mhux dejjem neċessarjament twassal għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw

[2] "Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs. Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004."

jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkellmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imressqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun

> żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal dan il-każ li għandha quddiemha.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tara jekk minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali l-Ewwel Qorti setgħetx issib lill-appellant ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"* li huwa ġie akkużat bih.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- l-ewwel element: att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

[3] "**R v. Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2."

- it-tieni element: l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- it-tielet element: ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh ("*di privato braccio*") dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- ir-raba' element: l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi*

*oħra."*[4] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

Illi, meħud in konsiderazzjoni tal-ġurisprudenza li saret riferenza għaliha hawn fuq fir-rigward tat-tieni aggravju, din l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għad-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti fejn ingħad is-segwenti (*a fol.* 15 *et seq.*):

"Xhud: Fit-2 ta' Mejju u fit-8 ta' Ġunju 2022.

[...]

Qorti: [...] mbarrat minn barra jew minn ġewwa?

Xhud: Bidilli ċ-ċavetta biex ma nkunx nista narhom."

Illi għalhekk jirriżulta ben ċar li dakinhar tat-2 ta' Mejju 2022 il-*parte civile* ma setgħetx taċċedi għal post in kwistjoni minħabba li nbidlet iċ-ċavetta tal-bieb. Minbarra dan, waqt id-depożizzjoni tagħha l-*parte civile* tippunta proprju lejn l-appellant bħala l-persuna li wettaq din l-azzjoni. Hija ssemmi wkoll (*a fol.* 18) li kellmet lill-appellant dwar iċ-ċavetta iżda tgħid li ma ġara xejn. Lanqas ma ssemmi li b'xi mod huwa ċaħad li wettaq tali azzjoni. Tenut kont ta' kollox, din il-Qorti hija tal-fehma li l-provi ċirkostanzjali kollha jippuntaw lejn l-appellant. F'dan ir-rigward għalhekk ġie ppruvat l-att estern u jirriżulta wkoll id-dissens tal-*parte civile.*

Illi kkunsidrat li l-unika persuna li kellha l-awtorita' tibdel iċ-ċavetta tad-dar kien l-appellant u dana minkejja d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jikkonsegwi li huwa kien tal-fehma li kellu l-jedd jagħmel hekk u dana għal raġunijiet li jaf huwa biss. Huwa wkoll ċar fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li dak li għamel l-appellant ma setax isir stante li kien hemm ordni tal-Qorti u bl-

[4] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

aġir tiegħu huwa ħa l-liġi b'idejh. L-azzjoni tal-appellant ma tinkwadrax taħt reat aktar gravi b'dana illi għalhekk jirriżultaw ippruvati l-elementi kollha tar-reat ta' *ragion fattasi*.

Illi in vista ta' dan din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li anke t-tieni aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Peter Xuereb u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**